

Paġna Ewlenija > ... > Teħid Ta' Azzjoni Legali > Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili > Titolu Eżekuttiv Ewropew > Gibraltari

Titolu eżekuttiv ewropew

Gibraltari

Gibraltari

1. Proċeduri għall-korrezzjoni u l-irtirar (Art. 10(2))

Permezz tar-Regola 6 tar-Regoli tal-Qorti Suprema ta' Gibraltari, ir-Regoli ta' Proċedura Ċivili għall-Ingilterra u Wales japplikaw għal Gibraltari.

L-Artikolu 10 jirreferi għad-dritt li titlob lill-qorti biex ċertifikat jiġi rettifikat (jekk dan ikun differenti mis-sentenza) jew irtirar (jekk dan ikun differenti mir-Regolament). Il-proċedura preżenti li tittratta dawn is-sitwazzjonijiet hija l-Parti 23 tar-RPĊ li fiha r-regoli dwar kif isiru t-talbiet lill-qorti. Huwa maħsub li talba taħt l-Artikolu 10 ssir lill-qorti li tkun ħarġet Ordni ta' Infurzar Ewropea permezz tal-proċedura fil-Parti 23. L-Ordnijiet ta' Infurzar Ewropej f'Gibraltari jsiru mill-Qorti Suprema.

It-test sħiħ tal-Parti 23 jista' jinsab hawn: http://www.dca.gov.uk/civil/procrules_fin/contents/parts/part23.htm

It-talba ssir fuq avviż ta' talba magħruf bħala l-Formola TP#_ftn1(*)PT N244 (ara http://www.hmcourts-service.gov.uk/courtfinder/forms/n244_eng.pdf). L-avviż tat-talba għandu jiddikjara liema ordni qiegħed jitlob l-applikant (jiġifieri ordni għar-rettifika jew għall-irtirar) u r-raġuni għaliex tkun qiegħda ssir it-talba (per eżempju, għaliex hemm diskrepanza fiċ-ċertifikat).

L-emenda tar-RPĊ li għandha tiegħu qies ta' l-Ordni ta' Infurzar Ewropea ser tindika l-Parti 23 lill-applikant u tinkludi dettalji dwar il-proċedura dwar kif issir it-talba.

2. Proċeduri għar-reviżjoni (Art.19 (1))

Permezz tar-Regola 6 tar-Regoli tal-Qorti Suprema ta' Gibraltari, ir-Regoli ta' Proċedura Ċivili għall-Ingilterra u Wales japplikaw għal Gibraltari.

Sabiex jagħtu effett lil dan ir-Regolament ser jintużaw ir-Regoli tal-Qorti għall-Ingilterra u Wales magħmula taħt l-Att dwar il-Proċedura Ċivili 1997. Dawn ir-Regoli tal-Qorti huma magħrufa bħala r-Regoli tal-Proċedura Ċivili (RPĊ) u jsiru permezz ta' strument statutorju.

L-Artikolu 19(1) jirrikjedi li d-debitur għandu jkun intitolat li jitlob reviżjoni tas-sentenza f'ċirkostanzi fejn id-dokument li jagħti bidu għall-proċedura ma jkunx wasallu jew jekk huwa ma setgħax jikkontesta t-talba minħabba raġuni mhux attribbwiibli għalih.

Il-Parti 13 tar-RPĊ tippermetti d-debitur f'sentenza li jitlob reviżjoni tas-sentenza fiċ-ċirkostanzi deskritti fl-Artikolu 19. Din tistabbilixxi l-proċedura għat-talba biex is-sentenza titħassar jew tiġi mibdula. Tista' tinkiseb sentenza f'kontumaċja fejn id-debitur f'sentenza ma jkunx ippreżenta rikonoxximent tan-notifika u/jew difiża.

It-test sħiħ tal-Parti 13 jista' jinsab fuq: http://www.dca.gov.uk/civil/procrules_fin/contents/parts/part13.htm

M'hemm l-ebda formola għat-talba biex titħassar jew tinbidel sentenza f'kontumaċja. Normalment l-applikant jippreżenta t-talba permezz ta' l-avviż ta' talba fil-Formola N244 (http://www.hmcourts-service.gov.uk/courtfinder/forms/n244_eng.pdf). L-applikant għandu jiddikjara l-ordni li jixtieq u r-raġuni għaliex is-sentenza għandha titħassar jew tinbidel, ngħidu aħna għaliex huwa ma kienx

notifikat bil-proċedura fi żmien biżżejjed biex iħejji d-difiża tiegħu. Is-smiġħ ta' dik it-talba jkun jinkludi reviżjoni ta' dik is-sentenza.

3. Lingwi aċċettati (Art. 20(2)(c))

Ċertifikati mibgħuta f'Ġibiltà jġu aċċettati bl-Ingliż.

4. Awtoritajiet nominati biex jiċċertifikaw id-dokumenti awtentiċi (Art. 25)

Filwaqt li Strumenti Awtentiċi minn Stati Membri oħra jġu infurzati f'Ġibiltà, dawn ma jsirux f'Ġibiltà. Għaldaqstant, m'hemmx bżonn li tinħatar awtorità biex tiċċertifikhom.

■ L-aħħar aġġornament: 28/07/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhix fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.